# Mistoqsijiet Parlamentari

**Seduta Nru. 13**
**L-Erbgħa, 1 ta' Ġunju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - IMPJEGATI LI DAĦLU MAL-GVERN**

**49. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu nies jaħdmu mal-Gvern fil-Ministeru u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru minn Jannar 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellanta li t-tweġiba ser tinghata f'seduta oħra.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI LI DAĦLU MAL-GVERN**

**50. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu nies jaħdmu mal-Gvern fil-Ministeru u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru minn Jannar 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - IMPJEGATI LI DAĦLU MAL-GVERN**

**51. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu nies jaħdmu mal-Gvern fil-Ministeru u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru minn Jannar 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJEGATI LI DAĦLU MAL-GVERN**

**52. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu nies jaħdmu mal-Gvern fil-Ministeru u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru minn Jannar 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellanta biex tirreferi lill-Ministeru konċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - IMPJEGATI LI DAĦLU MAL-GVERN**

**53. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu nies jaħdmu mal-Gvern fil-Ministeru u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru minn Jannar 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - IMPJEGATI LI DAĦLU MAL-GVERN**

**54. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu nies jaħdmu mal-Gvern fil-Ministeru u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-istess Ministeru minn Jannar 2022 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-mistoqsija parlamentari numru 54, din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**MINI TA' SANTA VENERA – PROĠETT GĦAT-TISQIF**

**306. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett għat-tisqif ta' Triq Reġjonali, magħrufin

bħala l-mini ta' Santa Venera, sal-14 ta' Mejju 2022? Tista' tgħid jekk ġiex konkluż l-istudju ta' konferma li t-triq tista' tissaqqaf u li fuqu jista' jsir ġnien u spazju miftuħ u parkeġġ taħt l-art? Tista' tgħid ukoll jekk il-permess ta' żvilupp u/jew outline development permit relattiv ġiex sottomess mal-Awtorità tal-Ippjanar, u jekk le meta? Tista' tgħid jekk il-wegħda li jissaqfu l-mini ta' Santa Venera f'erba' snin, u ċjoè, sas-sena 2023 hix se tinżamm, u jekk le meta? Kemm se jiġi jiswa dan il-proġett, u jekk hemmx fondi allokati diġà?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li sad-data msemmija saru numru ta' studji relatati ma' dan il-proġett u dawn jinkludu l-investigazzjonijiet ġeotekniċi fuq il-post, stħarriġ dettaljat u renderings 3D preliminari. B'dawn l-istudji, ġie konkluż li l-proġett kif imsemmi jista' jiġi implimentat mil-att strutturali. Ingħata bidu għal diskussjonijiet bejn il-Wasteserv u l-Awtorita' tal-ippjanar. Fil-preżent, il-proġett qed ikompli jiġi diskuss f'aktar dettall u d-dettajli tiegħu jitħabbru ladarba jkun se jitnieda l-proċess tal-procurement. L-ispiża tal-proġett hija stmata għal fuq minn €35 Miljun.

Seduta 13
01/06/2022

**SANTA VENERA – PROĠETT TAL-ĠNIEN ROMEO ROMANO**

**307. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett tal-Ġnien Romeo Romano f'Santa Venera sal-14 ta' Mejju 2022? Meta hu pproġettat li jkun lest?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li wara l-produzzjoni ta' disinn dettaljat u l-approvazzjoni tal-permessi neċessarji, ingħata bidu għal ħidma fuq il-proġett.

Dan ix-xogħol inkluda t-tindif tas-sit, it-trapjant b'suċċess ta' siġar tal-larinġ, l-installazzjoni ta' pajpijiet għal servizzi, xogħol relatat mal-passaggi, xogħlijiet ta' restawr fuq il-faċċata, xogħlijiet preparatorji u mogħdija ġdida fiż-żona tal-logħob u xogħlijiet relatati mas-sieqja.

Dan il-ġnien Barokk huwa skedat bħala Grad 1. Għaldaqstant, is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali ġiet ikkonsultata matul l-istadji kollha tal-proġett

Huwa mistenni li l-proġett ikun komplut għall-aħħar kwart ta' din is-sena.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**354. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu minn 2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-20 ta' Mejju 2022, is-segwenti ġew imħallsa liċ-Chairperson tal-Bord tal-Awtorità tad-Djar:

2017 – €851.40 (Jan – Set - €669.38 + Ott – Diċ - €182.02) mowbajl
2018 - €794.90 mowbajl
2019 – €499.57 mowbajl
2020 – €509.62 mowbajl
2021 – €497.21 mowbajl
2022 - €110.92 mowbajl

Mill-2017 sal-lum kien hemm nefqa ta' €175 fix-xahar fuq fjuwil.

L-entitajiet l-oħrajn li jaqgħu taħti ma kellhom l-ebda nefqa.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**355. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu minn 2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**356. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru telenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu minn 2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant bħala Chairperson tal-Bord tal-MCCAA, tal-Bord tal-Aġenzija Sapport kif ukoll tas-CRPD, ma sar l-ebda ħlas f'safar, mowbajl u fjuwil minn 2017 sakemm ġiet imwieġba din il-mistoqsija.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**357. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu minn 2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitlubatinsab fuq it-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**358. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu minn 2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**359. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu minn 2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-ebda Chairperson ta' Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ma jitħallsu spejjeż ta' safar, mowbajl u fjuwil.

Seduta 13
01/06/2022

**LESA - RAPPORTI DIXXIPLINARI INTERNI**

**541. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti dixxiplinarji interni bejn uffiċjali tal-aġenzija tal-Gvern Local Enforcement System Agency (LESA) f'dan l-aħħar xahar u f'liem reġjun saru? X'natura ta' offiża qiegħda tiġi allegata? X'passi se jittieħdu u/jew ittieħdu?

18/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija preżentament irċiviet żewġ ilmenti minn ħaddiema tal-aġenzija, fejn dawn l-ilmenti allegatament seħħew fis-sezzjoni (reġjun) tax-Xlokk. Iż-żewġ każijiet qegħdin jigu mistħarrġa, u wara tittieħed kull deċiżjoni li hemm bżonn.

Seduta 13
01/06/2022

**CYRPTOCURRENCIES**

**580. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern speċifikament dwar cryptocurrencies?

19/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**PENSJONI KONTRIBUTORJA TAR-ROMOL INQAS MINN €7,000**

**581. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li għandhom pensjoni kontributorja tar-romol ta' inqas minn €7,000 fis-sena, matul dawn l-aħħar tliet snin, maqsuma xahar b'xahar?

19/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, n-numru ta' persuni li għandhom pensjoni kontributorja tar-romol bi dħul ta' anqas minn €7,000 fis-sena, f'dawn l-aħħar tliet snin, hu skont it-tabella hawn taħt:

| Sena | Total |
|---|---|
| 2019 | 510 |
| 2020 | 344 |
| 2021 | 126 |

Ta' min jgħid li l-pensjoni kull xahar tkun l-istess minbarra fix-xhur ta' Ġunju u Diċembru fejn jitħallas ukoll il-bonus tas-sitt xhur.

Minbarra l-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jista' jkun li jkollhom benefiċċji jew pensjonijiet oħra, li huma nklużi f'din l-istatistika, waqt li jista' jkollhom dħul ieħor li m'huwiex inkluż.

Seduta 13
01/06/2022

**PENSJONI KONTRIBUTORJA TAL-IRTIRAR INQAS MINN €7,000**

**582. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li għandhom pensjoni kontributorja tal-irtirar ta' inqas minn €7,000 fis-sena, matul dawn l-aħħar tliet snin, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm kienu nisa u kemm irġiel?

19/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li n-numru ta' persuni li għandhom pensjoni tal-irtirar bi dħul ta' anqas minn €7,000 fis-sena, f'dawn l-aħħar tliet snin, hu skont it-tabella hawn taħt:

| Sena | Total | Irġiel | Nisa |
|---|---|---|---|
| 2019 | 5109 | 1310 | 3799 |
| 2020 | 4042 | 882 | 3160 |
| 2021 | 2462 | 543 | 1919 |

Ta' min jgħid li l-pensjoni kull xahar tkun l-istess minbarra fix-xhur ta' Ġunju u Diċembru fejn jitħallas ukoll il-bonus tas-sitt xhur.

Minbarra l-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jista' jkun li jkollhom benefiċċji jew pensjonijiet oħra, li huma nklużi f'din l-istatistika, waqt li jista' jkollhom dħul ieħor li m'huwiex inkluż.

Seduta 13
01/06/2022

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ TA' INQAS MINN €7,000**

**583. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li għandhom pensjoni tal-invalidità ta' inqas minn €7,000 fis-sena, matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm kienu nisa u kemm irġiel?

19/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 13
01/06/2022

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ TA' INQAS MINN €8,000**

**584. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li għandhom pensjoni tal-invalidità ta' inqas minn €8,000 fis-sena, matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm kienu nisa u kemm irġiel?

19/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 13
01/06/2022

**ĦAL QORMI - BUS SHELTERS**

**585. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm għall-istallazzjoni ta' bus shelters f'Ħal Qormi? Fejn u meta hu mistenni li jiġu installati iktar bus shelters f'Ħal Qormi?

19/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, b'konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali se nkunu qed ninstallaw żewġ (2*) bus shelters*. Wieħed fi Triq Anici, filwaqt li l-ieħor ser jiġi istallat fi Triq id-Deheb Fin.

Seduta 13
01/06/2022

**NIŻĠET ARTNA**

**614. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li fuqhom titqassam fid-djar il-pubblikazzjoni 'Niżġet Artna'? Jista' jgħid jekk il-pubblikazzjoni qattx intbagħtet fil-households kollha ta' Malta u Għawdex? Jista' jgħid liema edizzjonijiet u f'liema lokalitajiet intbagħtet f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid kemm kienet l-ispiża totali ta' din il-pubblikazzjoni, liema spiża tkun tinkludi xogħol ta' artwork, artikli, printing, posta eċċ għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022? Minn liema Line Item tal-Budget toħroġ din l-ispiża?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li l-informazjoni qed tingabar u ser tinghata f'seduta ohra.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - LISTA TA' SERVIZZI PROFESSJONALI**

**615. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tas-servizzi professjonali kollha li kkuntratta l-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet li jaqgħu taħtu mill-1 ta' Lulju 2017 sad-data ta' din il-mistoqsija? Min huma dawn is-service providers? Kemm tħallsu? Kif intgħażlu?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li l-informazjoni qed tingabar u ser tinghata f'seduta ohra.

Seduta 13
01/06/2022

**STRATEĠIJA FARM TO FORK**

**616. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tal-istrateġija Farm to Fork tal-Unjoni Ewropea u li biha ser ikun hemm stabbiliti l-valuri/ miri nazzjonali li jridu jintlaħħqu bħala parti integrali mill-Green Deal, jista' l-Ministru jgħid jekk:
i. il-Gvern ħejjiex pjan speċifiku għal pajjiżna biex jiġi konformi ma' din l-istrateġija;
ii. Jekk fl-affermattiv jista' l-Ministru jgħid:
a. ma' min (stakeholders, għaqdiet, koperattivi etc) iddiskuta dan il-pjan:
b. jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dan il-pjan;
c. għandux l-approvazzjoni tal-Kabinett għal dan il-pjan; u
i. jekk fin-negattiv, jista' l-Ministru jagħti r-raġuni għalfejn ma sarx?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li huwa maħsub li l-miri nazzjonali li joħorġu mill-*Green Deal* u li huma stabbiliti fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea *Farm to Fork,* jintlaħqu permezz tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrarja Komuni.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA LI RTIRAW**

**617. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm irtiraw persuni minn kull dipartiment u entità li jifformaw parti mill-Ministeru li huwa jmexxi bejn l-1 ta' Lulju 2017 u l-31 ta' Marzu 2022? Jista' jgħid kemm ġew impjegati persuni ma' kull entità u dipartiment li jifformaw parti mill-Ministeru fl-istess perjodu?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 13

01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - INFIQ F'REKLAMAR**

**618. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus f'reklamar fil-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu separatament mill-1 ta' Lulju 2017 sal-lum sena b'sena u skont il-mezz tax-xandir innifsu?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazjoni qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - TELEWORKING**

**619. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid liema dipartimenti u entitajiet taħt id-dekasteru tiegħu joffru sistema ta' teleworking, kemm hemm impjegati f'kull dipartiment/entità separatament jaħdmu bit-teleworking u taħt liema kundizzjonijiet?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tabella segwenti. Ngħarrfu li l-Kapijiet rispettivi jiżguraw li l-impjegati jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom mid-dar, u li jkunu pprovduti bit-tagħmir kollu neċessarju biex jagħmlu dan. Is-sigħat mitluba mill-impjegati huma skont id-diskrezzjoni tal-Kapijiet biex jiġi dejjem assigurat li ma jkun hemm l-ebda tfixkil tal-fluss tax-xogħol u jibqa' jinżamm livell għoli ta' servizz ta' kwalita'. Dan filwaqt li jkompli jitħares il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-impjegati.

| | **Numru ta' ħaddiema bit-*telework*** |
|---|---|
| Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | 5 |
| Diviżjoni Strateġija u Sapport | 27 |
| Dipartiment tas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali | 17 |
| Dipartiment tal-Affarijiet Rurali | 31 |
| Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura | 41 |
| Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali | 5 |
| *Malta Food Agency* | 9 |
| *Governance of Agricultural Bioresources Agency (GAB)* | - |

Seduta 13
01/06/2022

**ARBITRI – APPELLI PENDENTI**

**703. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm appelli pendenti b'kollox quddiem l-Arbitri għall-finijiet tal-artikoli 107 u 108 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali? Jista' jgħid kemm minn dawn l-appelli għadhom ma ġewx appuntati?

23/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba minnha hija kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Appelli | Numru sa April 2022 |
|---|---|
| Appelli pendenti sa April 2022 | 1401 |
| Appelli li għadhom ma ġewx appuntati sa April 2022 | 580 |

Seduta 13
01/06/2022

**AGRIFAIR – PERSUNI LI ATTENDEW**

**724. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna attendiet għall-AgriFair u x'kien l-għan wara din il-fiera?

23/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li mill-kalkoli tagħna, aktar minn 30,000 ruħ attendew għall-Malta AgriFair 2022 matul tmiem il-ġimgħa.
L-għan ewlieni tal-Malta AgriFair organizzata għall-ewwel darba mill-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli, kien li jippromwovi prodotti lokali, makkinarju, sistemi, u żviluppi teknoloġiċi fis-setturi tal-agrikoltura, sajd u akwakultura.
Dan ġab flimkien partijiet interessati ewlenin fil-qasam, minn organizzazzjonijiet kbar sa intrapriżi ta' skala żgħira u medja (SMEs). Il-Fiera pprovdiet pjattaforma kemm għall-komunità tal-biedja lokali, kif ukoll għall-produtturi u fornituri, biex jinfurmaw u jikkomunikaw lill-pubbliku dwar il-prodotti u s-servizzi tal-industriji. Kienet ukoll pjattaforma għal kommunita tas-sajjieda u l-produtturi tal-ħut biex jesebixxu x-xogħol siewi li qed isir.
Waqt il-Fiera wieħed seta' jifhem it-tifsira ta' Farm to Fork, fejn is-sistema tal-katina tal-ikel tal-produzzjoni, il-ħsad, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-ikel kienet murija bl-aktar mod viżwali, innovattiv u interattiv. Importanti nsemmu li saru wkoll konsultazzjonijiet pubbliċi rigward il-bidja organika u l-ħarsien tal-annimali.

Seduta 13
01/06/2022

**TA' QALI – PROĠETT TAL-ISPAZJU MIFTUĦ**

**725. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jispjega fiex wasal il-proġett tal-ispazju miftuħ ta’ Ta’ Qali?

23/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Proġett tal-Park Nazzjonali ġewwa Ta’ Qali huwa mqassam f’sitt fażijiet rispettivi.
Fażi 1 -Adventure Park – Proġett komplut minn Novembru 2021
Fażi 2 – Il-Park Formali – parti nfetħet għall-pubbliku f’Marzu li għadda filwaqt li t-tieni u l-aħħar fażi mistennija tkun kompluta f’Lulju ta’ din is-sena
Fażi 3 – Iż-Żona tal-Kunċerti – proġett mistenni jkun komplut fix-xhur li ġejjin.
Fażi 4 – Carpark- skavar ta’ blat tlesta Mejju 2022, u l-kostruzzjoni mistennija tkun lesta għall-aħħar tal-2023.
Fażi 5 – Iż-Żona tal-Farmers Market – proġett mistenni jibda għall-aħħar tal-2022
Fażi 6 – Jogging u Cycling track, Camping site - fażi ta’ permess mal-Awtorita’ tal-Ippjanar. Proġett mistenni jibda kmieni s-sena d-dieħla.
Dan il-proġett huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fejn ħa naraw 50,000 mq ta’ art li qabel ma kinitx qed titgawda u llum se tingħata lura lill-pubbliku u li se tinkludi numru kbir ta’ siġar - 40,000 siġar u arbuxelli (ambjentali) - għall-familja kollha fost l-oħrajn.

Seduta 13
01/06/2022

**FOUNDATION FOR TOMORROW’S SCHOOL – INĠINIERA U PERITI**

**737. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm inġiniera u periti impjegati mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS)?

23/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Fondazzjoni għall-Iskejjel t’Għada timpjega seba’ (7) periti u tlett (3) inġiniera.

Seduta 13
01/06/2022

**FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES – INĠINIERA U PERITI**

**738. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm inġiniera u periti impjegati mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS)?

23/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi hemm 21 inġiniera u periti impjegati mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS)

Seduta 13
01/06/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI LI RTIRAW BIS-SERVIZZ**

**739. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm irtiraw pulizija bis-servizz mill-2021 sal-lum u f'liema rank kienu?

23/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' pulizija li spiċċaw mill-Korp wara ħamsa u għoxrin sena servizz jew aktar jew mal-età tal-irtirar, fis-sena 2021 u sal-24 ta' Mejju 2022 kien ta' mitejn u għoxrin, kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| **Rank** | **2021** | **2022** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Deputat Kummissarju | 2 | - | 2 |
| Assistent Kummissarju | 2 | 1 | 3 |
| Supretendent | 7 | 3 | 10 |
| Spettur | 4 | 1 | 5 |
| Maggur | 8 | - | 8 |
| Surgent | 38 | 7 | 45 |
| Kuntistabbli | 124 | 23 | 147 |
| | 185 | 35 | 220 |

Seduta 13
01/06/2022

**BENEFIĊĊJU TAL-KERA**

**766. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna bbenefikat mill-benefiċċju tal-kera fl-aħħar ħames snin u kemm kien l-investiment totali?

24/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif ġej:-

| **Sena** | **Sussidju Mħallas** | **Benefiċċjarji** |
|---|---|---|
| 2017 | €1,543,432 | 2,653 |
| 2018 | €2,411,359 | 2,186 |
| 2019 | €3,761,815 | 2,898 |
| 2020 | €5,925,136 | 3,437 |
| 2021 | €7,769,320 | 4,040 |
| 2022* | €3,536,554 | 3,394 |

*sa Mejju 2022

Seduta 13
01/06/2022

**INVITATIONAL GAMES TAL-ISPECIAL OLYMPICS - ATLETI**

**767. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tispjega kemm-il parteċipant ħa sehem fl-Invitational Games tal-Ispecial Olympics?

24/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-Invitational Games tal-Ispecial Olympics ħadu sehem 450 parteċipant barrani u 443 parteċipant Malti.

Seduta 13
01/06/2022

**INVITATIONAL GAMES TAL-ISPECIAL OLYMPICS - ATLETI**

**768. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra kemm-il atleta Malti li pparteċipa fl-Invitational Games tal-iSpecial Olympics ikkwalifika għall-midalja tad-deheb?

24/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-Invitational Games tal-Ispecial Olympics 64 atleti Maltin kkwalifikaw għall-midalja tad-deheb

Seduta 13
01/06/2022

**AUTISM FRIENDLY SPACES**

**769. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tispjega jekk f'Malta jeżistux Autism Friendly spaces u kif il-Gvern qiegħed jaħdem, anke mas-settur privat, biex joħloq dawn l-ispazji?

24/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fl-aħħar snin ħadmet mal-għaqda volontarja Prisims fuq proġett ta' "friendly autism spaces" fejn flimkien ma' numru ta' entitajiet pubbliċi u azjendi qed isir sforz biex f'postijiet pubbliċi jkun hemm dawn l-ispazji. Fl-aħħar ġimgħat kellna azjenda kbira tal-ikel li ħolqot spazju fir-restaurant tagħha u ħadet il-marka maħluqa bħala parti minn dan il-proġett. Dan il-proġett għandu s-sapport tal-Ministeru kkonċernat.

L-istabbilimenti li huma akkreditati f'dan il-proġett huma ;

1. Esplora
2. Gallarija Darmanin
3. The Malta International Airport
4. The Malta National Aquarium
5. The National Museum of Archeology
6. The National Museum of Natural History
7. ŻiguŻajg Festival
8. Eden Cinemas
9. MZ Hairdressing and Education
10. McDonalds – Malta International Airport & Ronald Mcdonald House of Charities

Seduta 13
01/06/2022

**ĊIVIL U AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI**

**773. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 274 u jgħid kemm ġew impjegati persuni maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali mill-ġurnata li ġie xolt il-Parlament tat-13-il Leġiżlatura, u ċjoè mill-20 ta' Frar tas-sena 2022, sal-ġurnata tal-elezzjoni ġenerali, u ċjoè sas-26 ta' Marzu 2022?

24/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 13
01/06/2022

**ĊIVIL U AWTORITAJIET STATUTORJI – IMPJEGATI LI GĦANDHOM IMPJIEG IEĦOR**

**785. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 273 li oriġinarjament saret lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid sal-14 ta' Mejju 2022, kemm hemm persuni impjegati maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali li għandhom impjieg ieħor abbażi full-time u/jew part-time, b'mod rispettiv?

24/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI**

**884. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 283 u jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati huma indikati hawn taht:

| DATA | PERSUNA/KUMPANIJA | SERVIZZ | HLAS TA SERVIZZI |
|---|---|---|---|
| Perjodu tal-kuntratt - 01.11.2021 - 30.04.2022 | Dr Jean Paul Mifsud | Cultural Related issues to Culture Directorate | €7,000 |
| Bidu tal-kuntratt - 23.02.2022 | Matthew J Casha | Architect | €6,812.25 |
| Perjodu tal-kuntratt - 01.08.2021 - 01.08.2023 | Dr Wilfrid Buttigieg | Consultancy - Heritage Asset Management | €3,150 |

Seduta 13
01/06/2022

**ADOZZJONI - TFAL MINN PAJJIŻI BARRANIN**

**901. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew adottati tfal minn koppji jew individwi Maltin u Għawdxin bejn l-2017 sal-lum minn pajjiżi barranin? Jista' jgħid kemm kienu dawn l-adozzjonijiet sena b'sena u mil-liema pajjiżi ġew addottati?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Entitajiet taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal huma involuti f'diversi stadji tal-proċess tal-adozzjoni bis-servizzi li huma joffru, kif ukoll bil-bord tal-adozzjonijiet.
Fl-istess waqt l-awtorita regolatorja (SCSA) hija indipendenti minn dawn l-entitajiet. Għalhekk l-Onor. Interpellant għandha titlob dan it-tagħrif lill-Ministru responsabbli mill-SCSA.

Seduta 13
01/06/2022

**BORD TAL-ADOZZJONIJIET – TALBIET GĦAL ADOZZJONI TA' TFAL**

**902. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm talbiet pendenti għall-adozzjoni quddiem il-Bord tal-Adozzjonijiet bħalissa?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li sal-aħħar ta' Mejju 2022, il-Bord għall-Addozzjoni kellu quddiemu każ wieħed biss pendenti li jrid ikompli jiddiskuti kif ukoll jagħti appuntament lill-koppja kkonċernata.

Seduta 13
01/06/2022

**ADOZZJONI - TFAL MINN MALTA**

**903. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew adottati tfal minn pajjiżna minn koppji jew individwi Maltin u Għawdxin bejn is-sena 2017 sal-lum, sena b'sena?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Entitajiet taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal huma involuti f'diversi stadji tal-proċess tal-adozzjoni bis-servizzi li huma joffru, kif ukoll bil-bord tal-adozzjonijiet.
Fl-istess waqt l-awtorita regolatorja (SCSA) hija indipendenti minn dawn l-entitajiet. Għalhekk l-Onor. Interpellant għandha titlob dan it-tagħrif lill-Ministru responsabbli mill-SCSA.

Seduta 13
01/06/2022

**ADOZZJONI - PAJJIŻI FEJN HU PERMESS LI SSIR ADOZZJONI**

**904. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent liema huma l-pajjiżi minn fejn qed ikun permess li jsiru adozzjonijiet ta' tfal?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Entitajiet taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal huma involuti f'diversi stadji tal-proċess tal-adozzjoni bis-servizzi li huma joffru, kif ukoll bil-bord tal-adozzjonijiet.
Fl-istess waqt l-awtorita regolatorja (SCSA) hija indipendenti minn dawn l-entitajiet. Għalhekk l-Onor. Interpellant għandha titlob dan it-tagħrif lill-Ministru responsabbli mill-SCSA.

Seduta 13
01/06/2022

**ADOZZJONI - KOPPJI JEW INDIVIDWI APPROVATI BĦALA ĠENITURI ADDOTTIVI PROSPETTIVI**

**905. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hawn koppji jew individwi Maltin u Għawdxin li ġew approvati bħala Ġenituri Addottivi Prospettivi (PAPs) u li għadhom qed jistennew biex jaddottaw?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Entitajiet taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal huma involuti f'diversi stadji tal-proċess tal-adozzjoni bis-servizzi li huma joffru, kif ukoll bil-bord tal-adozzjonijiet.
Fl-istess waqt l-Awtorita regolatorja (SCSA) hija indipendenti minn dawn l-entitajiet. Għalhekk l-Onor. Interpellant għandha titlob dan it-tagħrif lill-Ministru responsabbli mill-SCSA.

Seduta 13
01/06/2022

**KUNSILLI LOKALI – SKEMA GĦALL-MANUTENZJONI U SOSTENN TA' PROĠETTI INFRASTRUTTURALI MAĠĠURI**

**954. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema kunsilli lokali ssottomettew applikazzjoni għall-iskema tal-Gvern għall-manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li twettqu mill-Gvern Ċentrali? Dawk il-kunsilli lokali li applikaw, għal liema proġetti applikaw, x'kienet l-istima ta' kull proġett, u kemm kien l-ammont li ntalab biex jiġi ffinanzjat mill-istess fond? Liema kunsilli lokali bbenefikaw matul l-aħħar sena u għal liema proġett/i? Liema huma dawk il-kunsilli lokali li għad jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi matul is-sena li ġejja u għal liema proġetti?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mistoqsija rigward liema huma dawk il-kunsilli lokali li għad jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi matul is-sena li ġejja, tali lista mhix disponibbli minħabba l-fatt li l-iskema għadha trid tiġi varata u għadhom qed isiru diskussjonjiet dwar kif ser ikunu l-iskemi għas-sena d-dieħla.

Seduta 13
01/06/2022

**NAXXAR, MELLIEĦA U SAN PAWL IL-BAĦAR - CCTVS**

**955. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma jekk hemmx pjan li jitwaħħlu CCTVs fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mellieħa u San Pawl il-Baħar matul is-sena li ġejja? Fejn ser jitwaħħlu dawn is-CCTVs u x'inhi r-raġuni li dawn ser jitwaħħlu? Min ser ikollu aċċess għal dawn is-CCTVs u min ser ikun qed jagħmel superviżjoni tal-istess CCTVs?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsilli Lokali msemmija mill-Onor. Interpellant li għas-sena li ġejja m'għandhomx ħsieb li jwahhlu CCTVs.

Seduta 13
01/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XEMXIJA – MISTRA VILLAGE**

**956. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma x'azzjoni ttieħdet mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq is-sit abbandunat fiż-żona ta' fejn qabel kien il-Mistra Village fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar? Tista' l-Ministru tieħu l-passi neċessarji biex dan is-sit ma jibqax wieħed ta' abbandun u ma jkunx wieħed ta' periklu?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**QAWRA – PARKEĠĠ TAL-ISKOLA**

**957. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-parkeġġ tal-iskola tal-Qawra, jista' l-Ministru jinforma kif ser ikun qed jopera dan il-parkeġġ, il-ħinijiet, ġranet u xhur li fih ser ikun miftuħ għall-pubbliku u min ser ikun jista' jipparkja f'dan il-parkeġġ? Ser jinħarġu permessi għar-residenti li jridu jużaw dan il-parkeġġ u jekk iva kif ser ikunu infurmat r-residenti u kif irid jagħmel wieħed biex japplika għal tali permess? Ser ikun hemm parti mill-parkeġġ riservat għar-residenti? Dan il-parkeġġ ser ikun bi ħlas u jekk iva x'rati ser ikunu qiegħdin jitħallsu? Ser ikun hemm CCTVs jew security?

25/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jinsab għaddej b'diskussjonijiet mall-Kunsill Lokali sabiex jiffinalizza l-operat tal-parkeġġ.

Seduta 13
01/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – KENNEDY GROVE – MANUTENZJONI**

**958. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li ssir il-manutenzjoni, fost oħrajn fuq il-passaġġ tal-injam, żbir ta' friegħi u siġar, ġewwa l-park ta' Kennedy Grove, San Pawl il-Baħar sabiex dan ikun sigur speċjalment għat-tfal li jiffrekwentaw dan il-park?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill Onor. Interpellant li bħalissa Ambjent Malta qed twettaq numru ta' interventi ta' manutenzzjoni fil-Park Nazzjonali tas-Salina, li tinkludi wkoll il-parti ta' Kennedy Grove. Żbir fuq is-siġar isir kif meħtieġ biex issaħħah l-istess siġar u tinżamm iż-żona sigura. Għar-rigward tal-passaġġ, għaddej il-proċess biex jinxtara l-materjal kollu neċessarju għax-xogħol rikjest. Huwa pjanat li dan ix-xogħol jitlesta sal-aħħar ta' Lulju.

Seduta 13
01/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XEMXIJA – MOLL TAL-VEĊĊJA**

**959. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li l-moll tal-Veċċja, Xemxija, San Pawl il-Baħar, li fih hemm numru ta' arbli bil-fanali, ikun mixgħul fil-ħinijiet meħtieġa speċjalment billejl? X'inhi r-raġuni għala dan il-moll issa ilu mitfi għal numru ta' xhur?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li dan id-dawl huwa responsabbiltà tal-Kunsill Lokali, għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi l-Mistoqsija lil Ministru konċernat.

Seduta 13
01/06/2022

**GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAL-LINJA TAL-GĦAJNUNA 1770**

**986. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux ser tiġi estiża l-għajnuna finanzjarja li ngħatat biex setgħet titħaddem il-linja ta' għajnuna 1770? Jekk iva, sakemm ser tiġi estiża?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li peress li l-linja ta' għajnuna 1770 ġiet introdotta fi ¿mien il-COVID 19, u issa is-sitwazzjoni hija aktar ikkontrollata xorta qed jiġi evalwat l-aħjar mod kif is-Servizzi għas-Saħħa Mentali tinvesti sabiex tibqa' tiġi pprovduta l-għajnuna meħtieġa lill-persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

Seduta 13
01/06/2022

**SERVIZZI TA' GĦAJNUNA GĦAS-SAĦĦA MENTALI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ BEJN IT-13-IL U S-17-IL SENA**

**987. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma s-servizzi li qed jingħataw bħalissa lill-persuni li jbatu minn saħħa mentali li għandhom bejn it-13 u s-17-il sena? Jista' jgħid f'liema residenzi jinżammu dawn il-persuni?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi dawk li għandhom bejn it-13 u s-17-il sena li huma l-aktar fi kri¿i u jehtiegu aktar kura bhala *in-patients* jiddaħħlu fit-taqsima ta¿-zgħa¿agħ, YPU. Il-YPU tinsab barra l-MCH u tipprovdi kura lill-persuni taħt it-18-il sena. Il-pazjenti jiġu vvalutati u jitfassal pjan ta' Kura tal-Pazjent individwali biex jiġu identifikati l-bżonnijiet taghhom. Il-pazjenti jiġu ttrattati u kkurati kif meħtieġ bil-ħsieb li l-pazjenti jiġu riabilitati lura fi ħdan il-komunità.
*Crisis Intervention and Home Treatment* huwa servizz ibba¿at fuq il-komunità fejn il-professjonisti joffru servizzi ta' sensibilizzazzjoni multidixxiplinarji lil ¿għa¿agħ taħt it-18-il sena fir-residenza personali tal-pazjenti. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu offruti wkoll f'ambjenti komunitarji u segwiti fi kliniċi tal-*out-patient*.
*Liaison services* huma servizzi offruti mit-Tim Multi-Dixxiplinari tal-YPU flimkien mat-Servizzi ta' Emerġen¿a Psikjatriċi tat-tfal u adoloxxenti. Dan huwa servizz immexxi minn infermier ibba¿at fid-Dipartiment tad-dħul u l-Emerġen¿a ta l-Isptar Mater Dei. ¯għa¿agħ sa 18-il sena li jiddaħħlu b'emerġenza f'Mater Dei minħabba problemi ta saħħa mentali jiġu evalwati u jingħataw l-appoġġ meħtieġ. Jiġi mfassal pjan individwali tal-pazjent ibba¿at ukoll fuq l-aspett bijopsikosoċjali ħolistiku tal-individwu.

Seduta 13
01/06/2022

**QASAM TAS-SAĦĦA MENTALI - WAITING LIST**

**988. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx waiting list għall-kura fil-Qasam tas-Saħħa Mentali fi tfal ta' taħt it-13-il sena, adolexxenti bejn it-13 u s-17-il sena u adulti ta' 'l fuq minn 18-il sena?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bħalissa l-pazjenti kollha diġa għandhom l-ewwel appuntament skedat.

Seduta 13
01/06/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**989. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Filwaqt li ninformah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onor. Interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kawża tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.

Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 13
01/06/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**990. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Filwaqt li ninformah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onorevoli interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kaw¿a tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.
Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'ka¿ ta' diffikultà ulterjuri. Ninfurmah ukoll illi l-haddiema professjonisti li jaħdmu fis-servizz tas-saħħa mentali jiehdu tahrig iktar profond minn hekk.

Seduta 13
01/06/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**991. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li ninformah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onor. Interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kawża tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.
Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 13
01/06/2022

**SPEED LIMITS**

**1019. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jiġu riveduti ċertu speed limits partikolarment f'żoni fejn se jsir użu minn speed guns?

26/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tat-Trasport issegwi mal-iSpeed ManagementPolicyand Technical Guidance Manual li jinkludi l-metodoloġija ta' kif jiġu eżaminati li-speed limits tat-toroq arterjali u dawk distributorji. Il-polza tinsab fuq il-website uffiċċjali tal-Awtorità tat-Trasport.
https://www.transport.gov.mt/strategies/road-safety/speed-management-1348
(Kopja tal-website qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra).
Speed limits ezistenti jiġu riveduti meta f'każ li ssir road traffic accident analysis jew proġetti infrasttruturalli kbar u jkunu fl-stadju tal-ippjannar u d-disinn ta' toroq.

Seduta 13
01/06/2022

**WIED RINI – ART TAL-GVERN**

**1020. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid għal xiex qed jintuża l-bini ta' Wied Rini Maritime Coastal Station u Wireless Telegraphy Station bħalissa? Jista' jgħid jekk din l-art għadhiex proprjetà tal-Gvern jew inkella saritx tal-privat jew ġietx okkupata?

26/05/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit immarkat bl-aħmar fid dokument impoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra huwa mikri lill-Go plc filwaqt li s-sit immarkat bil-blu mhux okkupat.

Seduta 13
01/06/2022

**BORMLA – TRIQ SAN FRANĠISK U TRIQ FIL-MADWAR - XOGĦLIJIET**

**1034. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li t-triq ewlenija fejn il-Kottonera u l-madwar u ċjoè Triq San Franġisk f'Bormla tingħata wiċċ? Jekk fl-affermattiv, jista' jagħti indikazzjoni meta?

26/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 1025.

Seduta 13
01/06/2022

**JUNIOR COLLEGE - KLASSIJIET PREPARATORJI GĦALL-O'LEVELS**

**1064. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min ser ikun qiegħed jgħallem il-klassijiet preparatorji fil-Junior College (bi preparazzjoni għall-O'Level) għal dawk l-istudenti li jidħlu fil-kulleġġ b'O'Levels neqsin minn fost il-Malti, il-Matematika u l-Ingliż - jekk hux il-letturi impjegati mill-Junior College jew jekk hux ser ikunu għalliema oħrajn?

27/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-klassijiet preparatorji għal dawk l-istudenti li jkollhom xi SEC nieqes fil-Malti, fl-Ingliż jew fil-Matematika, fil-Junior College ser jiġu mgħallma minn għalliema każwali u mhux mill-letturi kurrentement impjegati mal-Kulleġġ.

Seduta 13
01/06/2022

**BIRKIRKARA - SERVIZZ TA' TRASPORT PERIFERJALI**

**1065. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħjiel dwar meta ser jinbeda s-servizz tat-trasport periferjali f'Birkirkara, liema trasport kien parti mill-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista fl-2019?

27/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara illi t-tender inħareġ sabiex jinxtraw l-imsemmija żewġ mini-buses.

Kif dan il-proċess jiġi eżawrit kollu kemm hu skont il-liġi, il-Kunsill Lokali ikun f'pożizzjoni sabiex jibda jipprovdi is-servizz.

Seduta 13
01/06/2022

**BIRKIRKARA - COMMUNITY POLICING**

**1066. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda s-servizz tal-Community Policing f'Birkirkara?

27/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi huwa pjanat li s-servizz tal-Community Policing f'Birkirkara jibda fis-sena 2023.

Seduta 13
01/06/2022